MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 1747/2003

**Atlas Insurance Agency Limited u dawn bhala agenti ta'
AXA Insurance PLC, kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-
drittijiet ta' l-assigurata taghhom Dr. Sharon Zahra M.D.
u l-istess Dr. Sharos Zahra M.D. f'isimha proprju u b' digriet ta'l-20 ta' Mejju 2004, is-socjeta Atlas Insurance
Limited assumiet l-atti tal-kawza minflok is-socjeta Atlas Insurance Agency Limited**

**vs**

**Ronald Bonsfield**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Settembru, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u hamsa u tletin

lira Maltin (Lm435) rappresentanti danni mhallas mill-attur nomine fuq vettura SHA 802 assigurata *comprehensive* hlief ghal Lm175, *excess* u ghal liema somma l-attur nomine jinsab surrogat fid-drittijiet ta’ Dr. Sharon Zahra M.D. u dana b’rizultat ta’ habta li grat fl-20 ta’ Mejju 2002, go Ta’ Xbiex waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura EAZ 507 u habat mal-vettura SHA 802 ta’l-attrici misjuqa minn Vinny Piscopo, ghal liema incident l-konvenut huwa unikament responsabbli.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’l-ittri ufficjali tat-28 ta’ Ottubru 2002 u tas-17 ta’ Jannar 2003, u bl-imghax mit-28 ta’ Ottubru 2002 sal-hlas effettiv, u bl-ispejjez ta’l-ittra ufficjaliipprezentata ma’l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, inkluz Lm15 konsult, u Lm22.50 konsistenti f’Lm8.50 ghal prezentata ta’l-ittra ufficjali datata 17 ta’ Jannar 2003, Lm6 zewg notfiki ta’l-istess ittra, Lm5 ghal prezentata tar-rikors ghal publikazzjoni fil-Gazetta tal-Gvern u Lm3 ghall-istess publikazzjoni, kontra l-konvenut, ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fis-27 ta’ Ottubru 2003 fejn huwa eccepixxa illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi stante illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament tort tas-sewwieq l-iehor Vinny Piscopo, hekk kif ser jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Sema' x-xhieda ta’ PS 1136 Fabian Fleri u ta’ Vinnie Piscopo, kif ukoll tal-konvenut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ikkunsidra,

Illi l-incident stradali mertu tal-kawza sehh gewwa Ta’ Xbiex fit-triq mal-kosta li tiehu mill-Gzira lejn l-Imsida, meta z-zewg sewwieqa kienu qeghdin isuqu fid-direzzjoni l-opposta ta’ xulxin. L-incident sehh fil-liwja li hemm fil-parti tat-triq li twassal ghal Gzira. Vinnie Piscopo li kienet

qed isuq il-vettura ta'l-attrici kienet tinsab fuq il-karreggjata ta' gewwa tat-triq vicin is-sigar u l-bini, filwaqt illi l-konvenut kien ghaddej fid-direzzjoni l-opposta u ghalhekk kien qieghed isuq mal-kosta, vicin il-gnien tal-Gzira.

Piscopo tikkontendi illi hekk kfi wasslet fil-liwja li hemm fit-triq hija rat lill-konvenut gej mid-direzzjoni l-opposta ghal fuq il-karreggjata tat-trqi fejn kienet qed isuq hi, tant illi hija ippruvat tikser lejn ix-xellug sabiex tevita l-impatt izda l-konvenut xortawahda kaxkar tul il-genb tal-vettura taghha. Min-naha tieghu l-konvenut jikkontendi illi fl-ebda mument qabel l-impatt huwa ma lemah lil Piscopo gejja mid-direzzjoni l-opposta u induna biha biss ma'l-impatt. Madankollu huwa kien f'posizzjoni jixhed illi kienet Piscopo li invadiet il-karreggjata tieghu tat-triq u mhux vice-versa ghaliex huwa dejjem baqa' fil-karreggjata tieghu. L-incident sehh bil-lejl ghal habta ta' nofs il-lejl neqsin kwart. Illi ghalhekk l-verzjonijiet taz-zewg sewwieqa huma konfliggenti, u lanqas hemm qbil bejniethom fejn kien l-i*spot of impact* ghaliex filwaqt illi Piscopo tindikah fuq il-karreggjata tat-triq fejn kienet qed isuq hi, l-konvenut min-naha tieghu jindikah kompletament fin-nofs tal-karreggjata tieghu. Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi it-Tribunal irid jara liema wahda miz-zewg verzjonijiet hija iktar kredibbli u verosimili.

Illi meta wiehed jifli x-xhieda taz-zewg sewwieqa isib illi l-verzjoni moghtija minn Piscopo hija iktar verosimili minn dik tal-konvenut u dana ghas-segwenti ragunijiet.

Fl-ewwel lok meta l-konvenut ta l-verzjoni tieghu dwar id-dinamika ta'l-incident lill-pulizija, huwa ma tah l-ebda spjegazzjoni jew dettalji dwar kif sehhet il-kollizzjoni. Fir-*road accident report* (Dokument FF1 a fol.38 tal-process) hemm indikat is-segwenti bhala l-verzjoni tal-konvenut: "*I was proceeding towards Imsida and the collision occurred*". Is-surgent Fleri fix-xhieda tieghu jikkonferma ukoll illi l-konvenut ma kienx tah iktar dettalji u ighid illi kieku stess huwa ghamel dan, certament illi l-istess kienu jitnizzlu fir-rapport. Madankollu, fix-xhieda tieghu quddiem it-Tribunal, l-konvenut ighid illi meta gie il-pulizija fuq il-post huwa cahad ir-responsabbilta' tieghu ghal dana l-

incident ghaliex Piscopo bdiet tallega li hu baqa' diehel fiha. Izda dana kollu ma tnizzilx mill-pulizija fir-rapport tieghu, u jidher illi l-konvenut ma ghamel xejn sabiex jigbed l-attenzjoni tal-pulizija ghal dana il-fatt, tant ghalhekk illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi fir-realta' l-konvenut ma setax jaghti l-verzjoni tieghu ta'l-incident, peress illi kien jaf illi dana sehh unikament minhabba tortijiet imputabbli lilu.

Fit-tieni lok l-konvenut ighid ukoll illi fl-ebda mument qabel l-impatt huwa ma kien lemah lil Piscopo fit-triq. Ighid li huwa induna biha biss mal-habta. It-Tribunal isibha kemmxejn difficli jemmen illi l-konvenut ma kienx f'posizzjoni jara l-vettura ta' Piscopo qabel l-incident, fl-ewwel lok peress illi l-post fejn sehh l-incident hija triq piuttost wiesgha u inoltre, l-incident sehh fil-hin ta' bil-lejl u ghalhekk jekk l-konvenut ma setax jara il-vettura misjuqa minn Piscopo qabel l-impatt, certament kien jara d-dawl gej minn din il-vettura. It-Tribunal ghalhekk huwa tal-fehma illi l-konvenut ma kienx attent fis-sewqan tieghu, tant illi lanqas kien qieghed josserva is-sinjali tat-traffiku u meta gie fil-liwja invada xi ftit il-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni l-opposta sabiex b'hekk sehh l-impatt mal-vettura misjuqa minn Piscopo li kienet gejja mid-direzzjoni l-opposta.

Finalment anke ghar-rigward tal-post fejn il-konvenut indika l-i*spot of impact* bl-ittra "R" fuq id-Dokument FF2 a fol.40, jimmilita kontra l-verzjoni tieghu, u dana peress illi l-istess *spot of impact* gie indikat f'nofs il-karreggjata tieghu, tant illi jekk dana huwa minnu allura, l-vettura tal-konvenut kienet certament tispicca spustjatha tant illi tispicca tidhol jew titla' fuq il-bankina li tinsab fuq in-naha tax-xellug tieghu u mhux baqa' sejjer fid-dritt u ipparkeggja mal-genb tat-triq.

Illi min-naha taghha ix-xhieda ta' Piscopo hija wahda dettaljata u t-Tribunal ma jista' isib l-ebda nuqqas fiha, tant illi ghalhekk din il-verzjoni hija iktar kredibbli u verosimili u kwindi it-Tribunal ma jara l-ebda nuqqas fis-sewqan ta' Piscopo li b'xi mod seta' jikkontribwixxi ghal dana l-incident stradali.

Illi ghar-rigward tal-*quantum* tad-danni, jirrizulta mill-verbal tas-16 ta’ Dicembru 2003, illi l-konvenut ma huwiex qieghed jikkontesta l-istess u ghalhekk l-ammont mitlub mill-atturi ghandu jigi milqugh u dana fid-dawl tad-dokumenti esebieti in sostenn ta’l-istess (Dokumenti a fol.26 sa 30 tal-process).

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali mertu tal-kawza u ghalhekk ighaddi sabiex filwaqt li jichad l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut, jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ erba’ mija u hamsa u tletin lira Maltin (Lm435), bl-imghaxijiet legali mit-28 ta’ Ottubru 2002.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’l-ittri ufficjali tat-28 ta’ Ottubru 2002 u tas-17 ta’ Jannar 2003, u bl-ispejjez ta’l-ittra ufficjali pprezentata ma’l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut u Lm22.50 konsistenti f’Lm8.50 ghal prezentata ta’l-ittra ufficjali datata 17 ta’ Jannar 2003, Lm6 zewg notfiki ta’l-istess ittra, Lm5 ghal prezentata tar-rikors ghal publikazzjoni fil-Gazetta tal-Gvern u Lm3 ghall-istess publikazzjoni ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------